# Restawr tal-Faċċatta tal-Kappella tad-Duluri - 1 parti

minn Ing. Stanley Zammit B.Eng. (Mech.) Hons.

Kien ilu jinħass il-bżonn li l-Kappella ddedikata lil Sidtna Marija Addolorata, l-ewwel Patruna tar-raħal tagħna, ma tibqax tiddeterjora u tiġi restawrata. Għalhekk ħsibt li kien imminenti li nibda naħdem fuq dan il-proġett.



Plakka li turi l-20 ta' Ġunju, 1910 bħala d-data meta l-isqof ta' Malta kkonqieda 100 jum indulġenza lil dawk li jgħidu Salve Reġina

**Il-Kappella tad-Duluri, Triq il-Knisja, Birżebbuġa**
Fil-bidu tas-seklu għoxrin Mons. Spir Penza, li kien jogħqod Bormla, imma kien iqatta' l-ġranet tas-sajf f'Birżebbuġa, beda jaħdem biex tinbena knisja f'Birżebbuġa. Ix-xogħol fuq il-faċċata ta' din il-knisja beda fl-10 ta' Ottubru, 1909 fuq il-pjanti ta' Salvu Sacco, minn Bormla. Il-knisja, saret l-ewwel knisja parrokjali ta' Birżebbuġa taħt Mons. Isqof Pietru Pace skont id-digriet maħruġ nhar id-9 ta' Settembru 1913.

L-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa ġdida kien Dun Karm Buġelli. Il-Kappella tad-Duluri baqgħet il-knisja parrokjali sas-sena 1937, meta l-knisja l-ġdida, dik iddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen, bdiet tintuża.
Oriġinarjament fil-knisja tad-Duluri kien hemm pittura titulari li llum tinsab fil-knisja parrokjali.

**L-istat preżenti tal-faċċata**
Bħala parti mill-applikazzjoni għall-permess biex tiġi restawrata l-faċċata tal-kappella, sar studju mill-Perit Jean (Giovanna) Frendo B.E.&A(Hons), M.Sc. (Cons. Tech.), Eur. Ing. (FEANI), A.&C.E. sabiex jiġu identifikati t-tipi differenti ta' deterjorazzjonijiet u interventi estranji li ħallew l-effett tagħhom fuq il-faċċata, anke jekk il-kundizzjoni tal-faċċata mhiex ħażina ħafna.



Kappella tad-Duluri: Dehra ġenerali tal-faċċata kif inhi llum.

**Kisi u żebgħa**
Xi partijiet mill-faċċata huma miksija bis-siment. Din il-kisja tagħmel ħsara fuq il-franka għaliex, minħabba l-fatt li l-franka hi poruża, għandha tendenza li tassorbi l-imluħa mill-kisi. Konsegwentament, meta din l-imluħa tikkristallizza, din twassal biex il-qoxra tal-ġebla tibda tfarfar. Fil-fatt ħafna mis-siment tal-faċċata tfarfar.

**Ħmieġ u tniġġiż bioloġiku**
Kif wieħed jista' faċilment jinnota, fuq ix-xogħol tal-ġebla hemm ammont konsiderevoli ta' depositi artifiċjali. Ċertu partijiet huma miksija b'dak li teknikament jissejjaħ biological pollution/patin. Dan jidher b'mod ċar fuq il-portiku.

**Kundizzjoni tal-ġebla**
Hemm partijiet li għandhom bżonn imminenti ta' tiswija. Ġew lokalizzati numru ta' fili miftuħin, speċjalment in-naħa ta' fuq tal-faċċata, fejn l-ilma jista' jidħol. Hemm partijiet li waqgħu u partijiet oħra, b'mod speċjali l-gwarniċi, li huma pjuttost misjurin u għandhom bżonn tiswija (plastic repair) jew saħansitra jinbidlu.
Metall u affarijiet oħra mal-faċċata
Mal-faċċata wieħed isib cables tad-dawl, pajpijiet u msiemer. Fejn kien hemm affarijiet mwaħħlin mal-faċċata u eventwalment inqalgħu, dan ħalla l-ħsara u f'ċertu postijiet il-ġebla nqassmet jew xpakkat.



*Kappella tad-Duluri: il-Knisja bis-siment trid titneħħa għaliex din hija waħda mill-kawżi ta' ħsara fil-parti ta' isfel tal-ħitan, kolonni u bażijiet u fil-kampnari (insert)*

**L-aperturi u l-kanċell**

Il-bieb prinċipali u l-aperturi tal-injam huma f'kundizzjoni tajba u kull ma għandhom bżonn hu manutenzjoni bażika u żebgħa. Mill-banda l-oħra, il-kanċell jeħtieg li jinqala' (u tissewwa l-ħsara li saret fil-kolonni), jinbarax mis-sadid, jiġi galvanizzat u miżbugħ.

**Interventi ta' restawr proposti**

Fi Frar 2012, jien, grazzi għall-Perit Toni Bezzina, u bil-permess ġentili tal-Kappillan, il-Wisq Rev. Dun Nikol Pace, bdejt it-taħdidiet mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, fuq il-possibilità li tiġi rrestawrata l-faċċata ta' din il-knisja. Esperti minn dan il-Ministeru żaru l-kappella biex jaraw f'liema stat din tinsab. Fil-fatt it-talba kienet iġġustifikata.

F'Lulju 2012, wara li sar l-ewwel rapport preliminari, id-Direttorat tar-Restawr fi ħdan l-istess Ministeru, assenja dan il-proġett lill-Perit Jean (Giovanna) Frendo, esperta fir-restawr. F'Awwissu tal-istess sena saret l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa mill-Kappillan Nikol Pace mal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) bil-Perit Jean Frendo bħala l-perit tal-proġett.

F'Settembru 2012, saret it-talba formali lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi sabiex jiġi ffirmat il-ftehim li permezz tiegħu l-Kurja Arċiveskovili tawtorizza lil Gvern Ċentrali jkun jista' jagħmel l-interventi meħtieġa sabiex il-faċċata u l-portiku tal-Kappella tad-Duluri jiġu rrestawrati b'mezzi appropriji u kif titlob is-sengħa, kif deskritt fid-dettal fil-Method Statement ippreparat mill-Perit Frendo.

Konsegwentament, f'1 ta' Ottubru 2012 ġew kompluti l-formalitajiet relatati mal-permess (PA/02411/12) u minn hemm beda l-proċess tal-MEPA sabiex joħrog il-permess neċessarju. Kien stabbilit li l-permess joħroġ fi żmien 26 ġimgħa.



*Kappella tad-Duluri: Il-parti ta' fuq tal-Kappella hija maħmuġa ħafna b'biological patina u ħsarat fil-ġebla (insert)*

Ix-xogħlijiet kienu programmati li jsiru f'nofs is-sena 2013, ftit ġimgħat wara li kien mistenni li joħroġ il-permess. Fil-fatt, anke jekk kien hemm bidla fl-amministrazzjoni, għall-mistoqsija parlamentari numru 496 imressqa mill-membru parlamentari l-Perit Toni Bezzina, il-Ministru għat-Turiżmu, il-Perit Karmenu Vella fl-24 ta' April, 2013 ikkonferma li x-xogħol ta' restawr fuq il-Kappella tad-Duluri f'Birżebbuġa kien mistenni li jibda fis-sajf 2013, wara li l-MEPA approvat il-permess fl-10 ta' April, 2013, kif stabbilit. Anke jekk sa meta nkiteb dan l-artiklu x-xogħol kien għadu ma bediex, id-dipartiment ikkonċernat diġa assenja t-tim li ser jaħdem fuq il-proġett taħt is-superviżjoni tal-Perit Frendo.

L-iskop prinċipali tat-tiswijiet u manutenzzjoni huwa li dan il-monument storiku jingħata lura l-integrità viżwali u estetika li tnaqqritlu miż-żmien innifsu, mill-użu ħażin ta' materjali u minn nuqqas ta' manutenzzjoni fis-snin riċenti.

L-interventi ser ikunu jikkonsistu f'tindif tal-faċċata, bdil ta' ġebel, plastic repair, u tikħil ta' fili fejn hemm bżonn, jinqalgħu l-affarijiet imwaħħla mal-faċċata u trattament u żebgħa tal-kanċell u l-aperturi.

**Konklużjoni**

Huwa xieraq li wieħed jirringrazzja lil Kappillan Dun Nikol Pace, tal-kopperazzjoni tiegħu, lis-Sur Alex Caruana, tal-għajnuna u l-informazzjoni siewja tiegħu, lill-Ministri responsabbli, dak preċedenti u dak preżenti, u lis-Sindku, s-Sur Joseph Farrugia u lil sħabi kunsilliera fil-Kunsill Lokali Birżebbuġa tal-kooperazzjoni tagħhom.

F'artiklu li jmiss, jekk Alla jrid, nittamaw li nagħtu deskrizzjoni fid-dettal tal-interventi kollha li saru sabiex toħroġ is-sbuħija ta' dan il-ġojjel arkitettoniku, li llum hi parti integrali mill-istorja ta' ħafna minna li, jew kienu jirċievu s-Sagramenti, jew kienu jiġu ppreparati għas-Sagramenti permezz tat-tagħlim tas-Soċjetà Duttrina Kristjana (M.U.S.E.U.M.) li kien isir d'din il-kappella sas-sena 2009.



*Kappella tad-Duluri: Il-bieb prinċipali, l-kanċell u dettal tal-ħsara kkawżata mis-sadid tal-kanċell (insert).*





INSIEME *Household Goods*

**44E, Birzebbuga Road, Birzebbuga Mob: 9965 5586**

*Ħanut ġdid ġo Birżebbuġa (INSIEME)*
*għal dak kollu biex isebbaħ darek u affarijiet tal-bżonn fosthom:*
*Lożor, Xugamani, u ħafna affarijiet oħra.*

***Nixtiequ l-festa t-tajba lil kulħadd***